

# Il-Kurunella tal-Madonna ta' Lourdes: Riflessjonijiet Teoloġiċi

*Rev. Dr Martin Micallef OFMCap*

Wieħed mill-modi kif id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes xterdet fil-gżejjer Maltin hu permezz tal-Kurunella f'ġieħ l-Imqaddsa Verġni Marija ta' Lourdes. Din il-Kurunella ġiet miktuba minn Dun Pietru Pawlu Xuereb meta dan kien il-kappillan tal-parroċċa tal-Qrendi. Fit-23 ta' Ġunju 1881, jiġifieri tlieta u għoxrin sena biss wara d-dehriet tal-Madonna f'Lourdes li seħħew fl-1858. L-Isqof ta' Malta, Mons. Carmelo Scicluna, approva din il-Kurunella li magħha huwa għoġbu jagħti erbgħin jum Indulġenza lil min jitlob b'devozzjoni din il-Kurunella.[1] Din il-Kurunella miktuba bil-Malti hija magħmula minn ħmistax-il strofa b'erba' versi f'kull strofa. Wara kull strofa hemm ir-ritornell tal-*Ave Marija*. Il-Kurunella hija miktuba bi stil mexxej u devot filwaqt li tiġbor fil-qosor il-messaġġ tad-dehriet tal-Madonna f'Lourdes lil Santa Bernardina.[2]

Fuq l-eżempju tat-talba tal-"Missierna" li tibda bi kliem ta' tifħir lil Alla, il-Kurunella lill-Madonna ta' Lourdes ukoll tibda b'tifħir jew tislima lill-Madonna. Hija tintroduċi lil Bernardina bħala dik li lilha dehret il-Madonna, u l-post fejn saru d-dehriet, jiġifieri fil-grotta ta' Lourdes, filwaqt li tfakkarna l-għan ta' dawn id-dehriet "biex imħabbtek hemm turina."

It-tliet strofi li jsegwu nistgħu nqisuhom bħala deskrizzjoni ta' kif il-Madonna dehret lil Bernardina. Fit-tieni strofa nsibu n-numru tad-dehriet: "lilha dhert tmintax-il darba", akkumpanjati minn deskrizzjoni ta' kif Bernardina rat lill-Madonna, jiġifieri "b'libsa bajda u faxxa kaħla." F'din id-deskrizzjoni ma jonqsux l-aġġettivi għad-dehra tal-Madonna: "bħala xemx tiddi bid-dija … kollok ħlewwa u sbuħija." It-tielet strofa, imbagħad, tikkonċentra fuq ir-riġlejn "ħafjin" tal-Madonna li kienu jistrieħu "fuq ix-xitla minn tal-ward" u li fuq kull riġel tal-Madonna kien hemm "warda minn tad-deheb l-iżjed fin." Fir-raba' strofa, mir-riġlejn ngħaddu għall-idejn tal-Madonna kif rathom Bernardina. Hawn naqraw li f'idejn il-Madonna kien hemm kuruna tar-rużarju li ż-żibeġ tagħha kien "abjad bħal-ħalib." Il-preżenza ta' din il-kuruna f'id il-Madonna kellha sservi biex tfakkarna li "fir-rużarju l-għaxqa ssib." Nistgħu ngħidu li din id-deskrizzjoni taqbel ma' dak li naqraw fl-ewwel dehra tal-Madonna lil Bernardina li seħħet fil-jum tal-Ħamis tal-11 ta' Frar tal-1858.[3]



*Bernardette Soubirous, ritratt meħud c. 1858*

Il-ħames u s-sitt strofa nistgħu nqisuhom bħala ġabra fil-qosor tal-messaġġ indirizzat direttamernt lejn il-ħajja ta' Bernardina. Fil-ħames strofa, fil-fatt, l-awtur tal-Kurunella jintroduċi l-"kliem ħelu kollu ħrara" tal-Madonna sabiex Bernardina "tiġi f'din il-grotta" ħalli "trodd ħmistax-il żjara." Hekk kienet talbet il-Madonna lil Bernardetta fit-tielet dehra tagħha li seħħet fit-18 ta' Frar tal-istess sena.[4] Is-sitt strofa, imbagħad, torbot mat-tielet dehra fejn il-Madonna spjegat lil Bernardina li l-ħlas għal dan kollu ma kellux ikun "il-ġid ta' dina l-art, iżda l-glorja minn tal-ġenna."[5] Fil-fatt dawk li kitbu dwar il-ħajja tagħha, juruna kemm Bernardina kellha tbati f'din il-ħajja minħabba dawn id-dehriet!

L-istrofi li jsegwu jiġbru fihom il-messaġġ tal-Madonna f'Lourdes, messaġġ indirizzat għall-poplu nisrani. Is-seba' strofa hija mibnija fuq dak li ġara fis-sitt dehra

tal-Madonna li seħħet fil-21 ta' Frar tal-istess sena.[6] L-istrofa tibda billi takkumpanja l-messaġġ tal-Madonna "bid-dmugħ nieżel minn għajnejk" (tal-Madonna). Bħalma Ġesù beka quddiem Ġerusalemm għax ma laqgħetx iż-żjara ta' Alla f'Ibnu Ġesù (ara Lq 19:41-44), hekk issa l-Madonna tibki "għall-ħtijiet minn tal-bnedmin." Filwaqt li tagħmel dan, il-Madonna titlob lill-Bernardina: "Itlob wisq għall-midimbin." It-tmien strofa taqbel ma' dak li naqraw fit-tmien dehra tal-Madonna li seħħet fl-24 ta' Frar.[7] Dakinhar naqraw kif il-Madonna rrepetiet għal tliet darbiet il-kelma "penitenza," kelma li kellha sservi "sabiex il-maħfra aħna jkollna mis-smewwiet."



Pittura ta' Dr Dun Pietru Pawl Xuereb, l-awtur tal-Kurunella, li tinsab fil-Bażilika Santwarju tal-Assunta fil-Mosta.

Id-disa' strofa tiġbor fiha l-ordni li l-Madonna tat lil Bernardina fil-ħdax-il dehra li seħħet fis-27 ta' Frar sabiex "tgħid lill-qassisin jibnu knisja f'dak l-irdum." L-għan ta' dan il-bini kellu jservi ħalli "l-qima tal-insara jista' jkollok hemm kuljum."[8] L-għaxar strofa tintrabat ma' dik ta' qabilha meta naqraw li minbarra l-knisja, il-Madonna talbet lil din it-tfajla sabiex "issirlek purċissjoni, għal ġol-Grotta li qaddist b'dina l-kbira apparizzjoni." Fil-fatt, dan hu dak li l-Madonna kienet talbet fl-erbatax-il dehra tagħha li seħħet fit-2 ta' Marzu tal-istess sena.[9]

It-tliet strofi li jmiss nistgħu niġbruhom flimkien permezz tas-simbolu tal-ilma, element qawwi f'dawn id-dehriet tal-Madonna. Fil-ħdax-il strofa l-ewwel naqraw dwar kif "għajn ta' ilma l-iżjed safi, nissilt b'għaġeb, minn ġol-art." Dan l-ilma kellu jservi biex juri l-awtentiċità ta' dawn id-dehriet tal-Madonna. Dan hu dak li ġara wara l-ħmistax il-dehra li seħħet fl-4 ta' Marzu meta l-ilma li minnu l-Madonna kienet tkellmet baqa' dejjem joktor u jinxtered mal-art kollha.[10] Fit-tnax-il strofa, imbagħad, naqraw dak li l-Madonna "ġagħlet" lil Bernardina tagħmel jiġifieri "li tinħasel f'dik il-għajn, tixrob minnha, il-ħaxix tiekol li kien trabba qalb it-tajn." Dan kollu seħħ fid-disa' dehra nhar il-25 ta' Frar, meta Bernardina b'ubbidjenza lejn il-Madonna bdiet tħaffer fil-grotta sakemm sabet l-ilma, xorbot minnu u ħaslet wiċċha bih. Imbagħad hija qaċċtet ftit ħaxix milli kien hemm u kilitu, b'mod illi xi wħud li kienu preżenti ħasbuha li qed tiġġennen.[11] It-tlettax-il strofa tkompli tikkonċentra fuq il-qawwa ta' dan l-ilma ta' Lourdes li issa jissejjaħ "ilma minn tas-saħħa" li permezz tiegħu "l-eħżen nies saru tajbin, qalgħu l-qawwa l-morda kollha, sabu faraġ l-imnikktin." Hekk fil-fatt ġara matul dan iż-żmien fejn tant persuni morda li resqu jinħaslu f'dan l-ilma bil-fidi kisbu l-fejqan tar-ruħ u l-ġisem.



It-tielet dehra tal-Madonna f'Lourdes

Il-Kurunella tagħlaq b'żewġ strofi li nistgħu niġbruhom flimkien. Fl-erbatax-il strofa naqraw l-isem li l-Madonna tat lilha nnifisha meta kellmet lil Bernardina: "Jiena jien il-Kunċizzjoni, mort għedtilha, Immakulata." Dan hu dak li l-Madonna qalet lil din it-tfajla fis-sittax-il dehra li seħħet fil-25 ta' Marzu, festa tat-tħabbira tal-Mulej.[12] Il-kliem tal-Madonna fil-fatt jikkonferma d-domma tal-Immakulata Kunċizzjoni pproklamata mill-Papa Piju IX, fit-8 ta' Diċembru 1854. Il-Kurunella tagħlaq bil-ħmistax-il strofa li hi tifħir lill-Madonna "taħt it-titlu minn ta' Lourdes, lilek nagħtu kull foħrija."

Il-mod kif Dun Pietru Pawl Xuereb niseġ din il-Kurunella jfakkarna fil-kliem tal-Papa Franġisku fl-għeluq tal-Eżortazzjoni Appostolika *Il-Ferħ tal-Evanġelju,* fejn fin-n.286 jikteb: "Marija hi dik li għar tal-annimali taf tibdlu f'dar għal Ġesù."[13] Tassew li l-preżenza tal-Madonna fil-grotta ta' Massabielle li kienet għar maħmuġ, bidlitu f'dar għal binha Ġesù.

**Referenzi**


[1] Ara n-nota mehmuża tal-Kurunella stampata f'Id-Dehriet ta' Lourdes u ġabra ta' talb (Malta: Librerija Franġiskana, 1930), 23.
[2] Fuq il-ħajja ta' Santa Bernardina Soubirous ara, P. Antonio Maria OFM Cap, Ħajja tal-Beata Bernardina Soubirous: Meħud mill-'Immakulata' (Malta: Librerija Franġiskana).
[3] Ara Il-Madonna ta' Lourdes meqjuma fil-kappella-grotta tal-patrijiet Kapuċċini, il-Furjana (Malta: Empire Press, 1955), 23-25.
[4] Ara ibid., 26-27.
[5] Ara ibid.
[6] Ara ibid., 29-30.
[7] Ara ibid., 31.
[8] Ara ibid., 33-35.
[9] Ara ibid., 36-37.
[10] Ara ibid., 37.
[11] Ara ibid., 31-32.
[12] Ara ibid., 38-39.
[13] Il-Papa Franġisku, Eżortazzjoni Appostolika, Il-Ferħ tal-Evanġelju, traduzzjoni: Francesco Pio Attard (Malta: Pubblikazzjoni Dumnikani, 2014), 202.